MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 662/2014

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Remedios Sibaton FARRUGIA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-12 ta' Settembru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf seba' mija tmienja u tletin euro u disghin centezmi ta' euro [€1738.90c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf seba' mija tmienja u tletin Ewro u disghin centezmu (€1738.90) in kwantu ghal elf mija u tmienja u erbghin Ewro (€1148) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ta'

pagamenti mensili datat 20 ta' Gunju 2008 (AC10121398) u hames mija u disghin Ewro u disghin centezmu (€590.90) in konnessjoni ma Bundle Service Agreement datata 16 ta' Settembru 2008 u servizz ta' televizjoni 1425058065 (AC40075882).

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza".

Ra li l-intimata giet notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li hija dehret ghas-seduta tal-lum u ammettiet li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu izda ma kienitx f'qaghda finanzjarja sabiex thallas l-ammont reklamat f'daqqa. L-intimata stqarret ukoll li hija kienet disposta li thallas l-ammont minnha dovut f'rati mensili ta' hamsin euro (€50) u f'kaz li hija taqbez pagament wiehed, l-ammont kollu jigi dovut f'daqqa. Oltre dan, fuq l-ammont dovut ghandu jiddekorri l-imghax bi tmienja fil-mija mil-lum.

Is-socjeta rikorrenti rrimmettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elf seba' mija tmienja u tletin Ewro u disghin centezmu (€1738.90) in kwantu ghal elf mija u tmienja u erbghin Ewro (€1148) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ta' pagamenti mensili datat 20 ta' Gunju 2008 (AC10121398) u hames mija u disghin Ewro u disghin centezmu (€590.90) in konnessjoni ma Bundle Service Agreement datata 16 ta' Settembru 2008 u servizz ta' televizjoni 1425058065 (AC40075882).

Ikkunsidra;

2. L-intimata ammettiet llum stess waqt is-seduta li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu. L-intimata nfurmat lit-Tribunal li hija ma kienitx f'posizzjoni li thallas l-ammont minnha dovut f'daqqa u li setghet taghmel biss hlasijiet mensili fl-ammont ta' hamsin euro (€50).

3. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti rrimmettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista tal-ammissjoni ta' l-intimata, t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf seba' mija tmienja u tletin

euro u disghin centezmi ta' euro [€1738.90c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimata u ghal fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimata fl-ammont ta' hamsin euro (€50) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta' Marzu, 2015. F'kaz li l-intimata tonqos milli thallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------